# Tribunal Industrijali

## Decizjoni Numru 1688

Kaz Numru 2219AD

Fil-Kwistjoni tax-xoghol

bejn

Charles Bianco

u

Ta' Natu Supermarket Limited

Data: 30 ta' Marzu 2005

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

### Introduzzjoni

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal mill-appelant Charles Bianco permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Kaz prezentata fl-1 ta' Ottubru 2004 fejn huwa sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mas-socjeta' intimata ma saritx ghal raguni valida u skond il-ligi. Is-socjeta' intimata min-naha l-ohra sostniet li t-tkeccija hija gustifikata u saret skond il-ligi. It-Tribunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-Kaz rispettivi tal-partijiet, zamm sitt (6) seduti fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat kif ukoll in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-avukati difensuri taghhom.

### Fatti tal-Kaz

L-appellant gie impjegat mas-ocjeta' intimata bhal *shelf stacker* fl-4 ta' Frar 2003. Dan l-impjieg gie terminat mis-socjeta' intimata fil-11 ta' Awissu 2004 u r-aguni ndikata mis-

socjeta' intimata fit-*termiantion form* mibghuta lill-*Employment and Training Corporation* kienet li l-appellant ma kienx qed jahdem skond ix-xewqat tal-*employer*. L-appellant fil-fatt gie terminat wara ncident li nqala' fil-11 ta' Awiissu 2004 fejn l-appellant kellu xi jghid ma wiehed mis-*supervisors* tieghu u ntervjena Joe Vella, direwttur tas-socjeta' intimata li ttermina l-impjieg tal-appellant.

## Konsiderazzjonijiet u Konkluzjonijiet

Waqt it-trattazzjoni tal-kaz is-socjeta' intimata spjegat li l-impjieg tal-appellant kien gie terminat stante li tul medda ta' zmien huwa kien gab ruhu hazin fuq ix-xoghol kemm ma mppjegati ohra kif ukoll fil-konfronti tas-superjuri tieghu. Skond is-socjeta' intimata l-appellant kien juri insubbirdinazzjoni lejn is-superjuri tieghu u jikkonfrontahom b'mod agressiv tant li dawn kienu jiddejqu jordnawlu x-xoghol li kien mehtieg minnu. Is-socjeta' intimata ssostni wkoll li l-appellant kien jaghzel li jaghmel ix-xoghol li jidhirlu hu u mhux dak li jkun gie imqabbad u li huwa kellu problemi privati li kienu jirrenduh agitat u aggressiv waqt il-hin tax-xoghol. Dejjem skond is-socjeta' intimata l-appellant kien jinstab nieqes minn fuq xoghol li jkun gie ordnat jaghmel u mnflok kien jaghzel li jesegwixxi xoghol iehor li jidhirlu hu. Huwa gie moghti diversi *warnings* verbali sabiex ibiddel l-atteggjament tieghu izda naqas li jaghmel dan u ghalhekk is-socjeta' intimata ghazlet li tittermina l-impjieg tieghu. L-appellant jichad dak kollu sostnut mis-socjeta' intimata u jghid li huwa kien habrieki fuq xogholu u kien jaqdi dimirjietu. Huwa jichad ukoll l-allegazjonijiet dwar l-insubbordinazzjoni lejn is-superjuri tieghu.

Dan it-Tribunal ezamina bir-reqqa l-provi prodotti mis-socjeta' intimata u jidhirlu li din naqset milli tipprova sal-grad rikjest mill-ligi dak minnha allegat. Meta xehdu s-*supervisors* inkarigati mix-xoghol tal-appellant dawn kienu generici immens u ma ndikaw ebda episodju partikolari fejn l-appellant kien aggressiv fil-konfronti taghhom. Jessica Cauchi per

ezampju tghid li l-appellant jekk ikun burdata hazina jibqa' b'tali burdata hazina sakemm jispicca x-xoghol. Paul Camilleri *supervisor* oehor inkarigat mix-xoghol tal-appellant jghid li l-appellant qatt ma kellu *clashes* mieghu u jispjega li gieli kien hemm okkazzjonijiet fejn huwa ma kienx jaghmel dak li jkun qabdu jaghmel izda fil-*"maggor parti obdieni"*. Sylvana Attard, *supervisor* ohra, xehdet li kien hemm okkazzjonijiet fejn l-appellant offendiha u ma kkalkolahiex.

Irid jigi rilevat li ebda wiehed minn dawn ix-xhieda, li kienu s-superjuri diretti tal-appellant, ma indika ncidenti partikolari fejn irrizulta li l-appellant kien insubbordinat fil-konfronti taghhom. Huma kienu generici hafna u ma identifikawx incidenti partikolari u specifici. Inoltre ghalkemm is-socjeta' intimata tghid li l-appellant inghata diversi *warnings* verbali ma jirrizultax li l-appellant qatt inghata *warnings* bil-miktub fejn huwa gie imwissi li jekk jippersisti bl-atteggjament tieghu fuq il-post tax-xoghol dan kien ser iwassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu. Jekk verament is-socjeta' intimata kienet qed tirritjeni li l-atteggjament tal-appellant kien jammonta ghal insubbordinazzjoni fil-konfrnti tas-superjuri tieghu u li dan l-atteggjament seta' jwassal ghat-termianzzjoni tal-impjieg hija messa harget *warnings* bil-miktub u wissietu li tali agir ma setghax jippersisti. Dan jinghad anki in vista tal-fatt li ma gie indikat ebda incident specifiku minn fejn irrizultat kjarament l-insubbordinazzjoni da parti tal-appellant lejn is-superjuri tieghu.

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjeta' intimata ma rnexxilhiex tipprova soddisfacentement li l-appellant kien insubbordinat u agressiv fil-konfronti tas-superjuri tieghu. Il-fatt li *shelf stacker* jaghmel gurnata shiha b'burdata hazina certament ma jikwalifikax bhala raguni sabiex wiehed jitterminalu l-impjieg. Kif diga' inghad aktar il-fuq provi ohra dwar epsiodji specifici rigwardanti l-allegata insubbordinazzjoni da parti tal-appellant ma ngabux. It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li l-impjieg tal-ppellant ma giex terminat ghal raguni gjusta u sufficjenti skond il-ligi.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet premessi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-impjieg tal-appellant mas-socjeta' ntimata ma giex terminat ghal raguni gjusta u sufficjenti skond il-ligi. Ic-cirkostanzi tal-kaz ma jimmeritawx li jkun hemm *re-instatement* u ghalhekk it-Tribunal qed jiffissa kumpens fl-ammont ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800.00), liema ammont ghandu jithallas mis-socjeta intimata lill-appellant sa zmien gimghatejn mill-llum.

Ghall-iskopijiet tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' Lm40.00 kull wiehed.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju